ARTISTI LI NIFTAKAR — (73) mill-Kav. Rafel Bonnici Cali'

# ANTONIO MICALLEF — (1883 - 1952) — SKULTUR

**Mill-Belt Valletta, wieħed mill-ewlenin studenti ta' l-Iskola Industrijali li nfetħet fil-Belt mill-Gvern biex iġib 'il quddiem l-industrija ta' l-għamara ta' l-injam imżejna bl-iskultura kif ukoll iħarreġ l-iskultura fil-ġebla Maltija u xogħol ieħor maħdum bl-istucco, siment u materjal ieħor meħtieġ fl-industrija tal-bini. Din infetħet qrib Sant' Iermu bis-surmast Taljan, Vincenzo Cardona, li ġie Malta u żżewweġ Maltija u għex f'Tas-Sliema għall-bqija ta' ħajtu. Dan sar fuq suġġeriment tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ fl-1894, u swiet ħafna ta' ġid għassnajja Maltin.**



Micallef kien ukoll wieħed mill-aħjar studenti li kellu edukazzjoni u mġieba tajba li għalhekk sar il-favorit tas-surmast li 'l quddiem żewġu lil bintu. Cardona kien ukoll irrakkomandah biex jintbagħat jitħarreġ f'Ruma u b'hekk laħaq ukoll surmast ta' l-iskola meta Cardona rtira mix-xogħol.

Cardona kien tassew surmast kbir, jaf igħallem u ħaddiem bieżel, u kien mhux biss igħallem fil-ħin ta' l-iskola iżda jieħu l-istudenti fuq il-post tax-xogħol, fejn kien jaħdem għal rasu, u jħarriġhom kif kienu jagħmlu l-artisti kbar antiki. Iżda Micallef ma ħariġx iħobb iħammeġ idejh wisq bix-xogħol; aktar għoġbitu l-ħajja ta' surmast bla fardal tax-xogħol. Cardona kien jilbes il-fardal u Micallef kellu jilbes ukoll il-fardal bħall-istudenti l-oħra sħabu waqt il-ħin ta' l-iskola.

Kien iħobb il-ħajja tal-Belt u jżomm ruħu pulit kemm jista' jkun u forsi għalhekk li ma tantx ħadem xogħol; huwa baqa' msemmi biss bħala surmast tad-disinn u l-mudellatura li minn taħt idejh ħarġu l-aħjar skulturi żgħażagħ fosthom Ċensu Apap, Ġorġ Borg u l-oħrajn kollha li tħarrġu fl-Iskola ta' l-Arti mill-1925 'il quddiem, meta din l-iskola ħadet post l-Iskola Industrijali u Micallef sar is-surmast ta' l-Iskultura f'din l-iskola ġdida.

Fost ix-xogħol ta' idejh jissemma l-mudell tal-fontijiet ta' l-ilma mbierek tal-knisja tal-Karmnu tal-Belt, u wċuħ ta' anġli kbar, stil "art nouveau", fit-trijangoli ta' bejn il-ħnejjiet tal-ġnub fil-korsija tal-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. U billi l-Iskola ta' l-Arti tal-Belt kienet għal wara l-ħin tax-xogħol, huwa kien ukoll impjegat bħala surmast tad-disinn fl-iskejjel tal-Gvern l-oħra matul il-ġurnata.

Din kienet il-ħajja mwegħra ta' l-artisti tagħna "min jaħdem il-ġurnata kollha u filgħaxija b'żewġ pagi mill-Gvern, u min ma jsibx xogħol u jibqa' jħares." Kif igħid il-qawl Malti "Min hu mejjet fis-sakra u min hu mejjet għal qatra."